MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 764/2006

**Is-socjeta` Civili KPMG u Raymond Azzopardi, Alfred Cremona, Hilary Galea Lauri, Noel Mizzi, Eric Muscat, Pierre Portelli, Joseph Schembri, Andre` Zarb, Tonio Zarb u Anita Bencini, Mark Bumber, David Caruana u Anthony Pace**

**Vs**

**Roman Mraz**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta` Awissu, 2006 fejn intalab li l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` tmien mija u tnejn liri Maltin u erbghin centezmu (Lm 802.40), rapprezentanti valur ta` servizzi provizjonarji debitament rezi u provduti lill-istess konvenut fuq inkarigu tieghu stess u dana kif jirrizulta anka minn interpellanza li saret hawn annessa u mmarkata Dok. A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-imsemmija ittra ufficcjali u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu.

Gie notat illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` x-xhieda ta` Dr. Noel Bartolo li bil-gurament tieghu gie kkonfermat illi l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Gie notat ukoll illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa` ma deherx ghas-seduta ta` llum sabiex jikkontesta t-talba attrici jew sabiex jaghti x-xhieda tieghu.

It-Tribunal ezamina wkoll id-dokument ezebit ma` l-istess avviz immarkat bhala Dok. A u ezebit a fol. 4 tal-process.

Peress illi ma ngibu ebda provi kontrarji, it-Tribunal isib illi t-talba attrici tinsab sodisfacentement ippruvata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut Roman Mraz sabiex ihallasha s-somma mitluba ta` tmien mija u tnejn liri Maltin u erbghin centezmu (Lm 802.40), bl-imghax legali dekorribbli minn notifika ta` l-ittra ufficcjali datata 24 ta` Frar, 2006 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------